



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.6.2006
KUMM(2006) 315 finali

2006/0104 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-kriterji tal-Komunità għall-qerda u s-sorveljanza ta' ċertu mard ta' l-animali

(verżjoni kkodifikata)

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa għall-poplu, il-Kummissjoni tisħaq li tissimplifika u tiċċara il-liġi tal-Komunita sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli liċ-ċittadin komuni u b'hekk toffrilu aktar opportunitajiet u ċ-ċans li juża d-drittijiet speċifiċi li tagħtih.

Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi b'mod sostanzjali, jibqgħu imferxin bejn l-att oriġinali u atti segwenti li jemendaw l-oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' riċerka mdaqqsa li tqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli preżenti.

Għalhekk hu essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tal-Komunita tkun ċara u trasparenti.

2. Għalhekk fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet¹ li tordna lill-persunal tagħha li kull att leġislattiv għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, u tenfasizza li din hi kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw li jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke wara inqas emendi biex jiżguraw li r-regoli tal-Komunita huma ċari u jinftehimu malajr.
3. Il-Konklużjoni tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992) ikkonfermaw dan², waqt li saħqu l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza għal-liġi applikabbli.

Il-kodifikazzjoni għandha sseħħ skond il-proċedura normali leġislattiva tal-Komunita.

Għalkemm l-ebda bidla sostanzjali ma tista ssir lill-atti li jiġu kkodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu permezz ta' ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 li jistgħu jużaw proċedura mgħaġġla għall-adozzjoni bikrija ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta hu li sseħħ il- kodifikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/638/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Komunità għall-qerda u s-sorveljanza ta' ċertu mard ta' l-annimali³. Id-Deċiżjoni l-għdida tissupera lill-atti varji inkorporati fiha⁴; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu ta' l-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kull ma tagħmel hu li tgħaqqadhom bl-emendi formali biss kif meħtieġ mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.
5. Il-proposta tal-kodifikazzjoni nħasbet a bażi ta' konsolidazzjoni preliminarja fl-ilsna kollha uffċjali tad-Deċiżjoni 90/638/KEE u ta' l-att li jemendaha, magħmula mill-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' data. Fejn l-artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri ġodda u qodma tidher fit-tabella misjuba fl-Anness V tad-Deċiżjoni kkodifikata.

¹ KUMM(87) 868 PV.

² Ara l-Anness 3 għal Parti A tal-Konklużjonijiet.

³ Magħmul skond il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni ta' l-*Acquis Communautaire*, KUMM(2001) 645 finali.

⁴ Ara l-Anness IV għal din il-proposta.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-kriterji tal-Komunità għall-qerda u s-sorveljanza ta' ċertu mard ta' l-annimali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew⁶,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁷,

Billi:



- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/638/KEE. tas-27 ta' Novembru 1990 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Komunità għall-qerda u s-sorveljanza ta' ċertu mard ta' l-annimali⁸ ġiet emendata⁹ b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Deċiżjoni għandha tiġi kkodifikata.

⁵ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. ☒ Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31). ☒

⁶ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁷ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁸ ĠU L 347, 12.12.1990, p. 27. Deċiżjoni kif emendata mid-Direttiva 92/65/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54).

⁹ Ara l-Anness IV.

↓ 90/638/KEE Premessa 2
(adatta)

- (2) Il-kriterji ☒ għal miżuri finanzjarji tal-Komunità għall-qerda, is-sorveljanza u l-kontroll ta' ċertu mard ta' l-annimali ☒ għandhom jassiguraw illi l-miżura tkun effettiva u tippermetti lill-Istati Membri li jissottomettu lill-Kummissjoni programmi li jassiguraw l-qerda ta' malajr jew sorveljanza xierqa tal-mard in kwistjoni,

↓ 90/638/KEE

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Sabiex tkun approvata skond il-miżura li jipprovdi għaliha l-Artikolu 24(1) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, programmi mogħtija mill-Istati Membri lill-Kummissjoni għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

- (a) għal programmi ta' qerda: il-kriterji li hemm fl-Anness I;
- (b) għal programmi ta' sorveljanza: il-kriterji li hemm fl-Anness II;

↓ 92/65/KEE Art. 10(5) pt. 1

- (ċ) għal programmi ta' kontroll tal-marda tar-rabja: il-kriterji provduti fl-Anness III.

↓

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 90/638/KEE hi mħassra.

Referenzi għad-Deċiżjoni li ġiet imħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

*Għall-Kunsill
Il-President*

L-ANNESS I

Kriterji għal programmi ta' qerda

Fi programmi ta' qerda għandu jkun jinstab għal anqas:

1. deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-marda;
2. analiżi ta' l-ispejjeż stmati u stima ta' benefiċċji antiċipati tal-programm;
3. it-tul li aktarx ser jieħu l-programm u l-iskop li għandu jintlaħaq sad-data tat-tlestija;
4. deskrizzjoni tal-awtorità ċentrali li għandha tissorvelja u tikkoordina d-dipartimenti responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm;
5. deskrizzjoni u delimitazzjoni taż-żona ġeografika u amministrattiva li fiha il-programm ser ikun japplika;
6. sistema li tassigura n-notifika ta' bidu ta' mard suspettat jew konfermat fiż-żona konċernata;
7. il-proċeduri ta' kontroll u b'mod partikolari regoli dwar il-moviment ta' annimali suġġetti li jkunu affettwati jew kontaminati b'marda speċifika u l-ispezzjoni regolari tal-propjetajiet jew ż-żoni partikolari;
8. sistema għar-reġistrazzjoni tal-propjetajiet involuti fil-programm;
9. miżuri sabiex tiġi identifikata l-oriġini ta' l-annimali;
10. l-Istatus differenti applikabbli għal propjetajiet jew żoni, l-għanijiet li għandhom jintlaħqu fil-każ ta' kull status, il-kundizzjonijiet applikabbli għall-moviment ta' annimali bejn propjetajiet jew żoni ta' status differenti u l-konsegwenzi ta' telf ta' status;
11. jekk ikun meħtieġ, deskrizzjoni ta' l-analiżi, metodi ta' ttestjar u kampjuni użati għal kull marda;
12. il-miżuri li għandhom jittieħdu fejn jinstabu riżultati pożittivi waqt il-verifiki li jsiru skond il-programm. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-prekawzjonijiet neċessarji kollha sabiex tiġi assicurata il-qerda ta' malajr tal-marda, fid-dawl ta' l-informazzjoni epidemjoloġika u mezzi preventivi li huma speċifiċi għaliha, per eżempju:

- (a) il-qtil ta' annimali affettwati jew kontaminati, jew suspettati illi huma affettwati jew kontaminati, bi:
 - jew il-qerda tal-karkassi jew l-użu sussegwenti wara trattament għal skopijiet oħra ħliet daww ta' konsum mill-bniedem, iżda t-trattamenti użati għandhom joffru garanziji adegwati fejn għandu x' jaqsa mas-saħħa pubblika jew ta' l-annimali jew
 - l-użu sussegwenti tal-laħam, basta illi dan ma jkunx ta' dannu għas-saħħa tal-bniedem;
 - (b) il-qerda tal-prodotti kollha illi jistgħu jittrażmettu l-marda u t-trattament ta' dawn il-prodotti sabiex tiġi evitata kwalunkwe kontaminazzjoni possibbli;
 - (c) proċedura ta' diżinfestazzjoni tal-propjetajiet infettati;
 - (d) t-trattament terapewtiku u preventiv magħżul;
 - (e) proċedura sabiex jerġgħu jiġu mimlija b'annimali b'saħħithom l-propjetajiet li ġew spopolati permezz tal-qtil;
 - (f) il-ħolqien ta' żona ta' sorveljanza madwar il-propjetà infettata;
13. fejn neċessarju, regoli għall-kumpens adegwat lill-bdiewa għall-annimali maqtula kemm jista' jkun malajr;
14. impriża bl-awtorità li jagħmel riferenza għaliha l-punt 4 biex tinforma lid-dipartimenti tal-Kummissjoni regolarment u b'mod sħiħ.
-

L-ANNESS II

Kriterji għal programmi ta' ☒ sorveljanza ☒

Fi programmi ta' sorveljanza għandu ☒ jkollhom ☒ għall-anqas is-segwenti:

1. il-kriterji li jagħmlu riferenza għalihom il-punti 1 sa 9, 12, 13 u 14 tal-Anness I;
 2. sistema ta' sorveljanza bażata fuq analiżi serjoloġiċi, mikrobijoloġiċi, patoloġiċi jew epidemjoloġiċi, jew b'xi metodu ieħor xieraq għall-marda;
 3. sistema sabiex tiġi aċċertata l-assenza tal-marda fid-dawl ta' karatteristiċi epidemjoloġiċi.
-

ANNEX III

Kriterji għal programmi ta' kontroll tal-marda tar-rabja

Programmi għal kontroll tal-marda tar-rabja għandhom mill-anqas ikun fihom:

1. il-kriterji li hemm referenza dwarha f'punti 1 sa 7 ta' l-Anness 1;
 2. informazzjoni ddettaljata rigward ir-reġjun jew reġjuni li dwarhom immunizzazzjoni orali ta' volpi tkun seħħet bil-limiti naturali tagħha. Dan ir-reġjun jew dawn ir-reġjuni għandhom ikopru mill-anqas 6000 km² taż-żona nazzjonali totali ta' Stat Membru u jistgħu jinkludu żoni ta' biswit ta' pajjiż terz;
 3. informazzjoni ddettaljata rigward it-tilqim li għandhom ikunu użati, is-sistema ta' distribuzzjoni, id-densità u l-frekwenza ta' kif tkun tqiegħdet in-nasba;
 4. fejn xieraq, id-dettalji kollha u n-nefqa u l-iskop ta' skemi biex jikkonservaw jew jippreżervaw flora u fauna li jkunu ttieħdu minn organizzazzjonijiet volontarji fit-territorju kopert b'dawn il-proġetti.
-



ANNEX IV

Deċiżjoni mħassra flimkien ma' l-emenda tagħha

Deċiżjoni tal-Kunsill 90/638/KEE
(ĠU L 347, tat-12.12.1990, p. 27)

Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE
(ĠU L 268, ta' 1-14.9.1992, p. 54)

L-Artikolu 10(5) biss

ANNEX V

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Deċiżjoni 90/638/KEE	Din id-Deċiżjoni
Artikolu 1, l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiżi	Artikolu 1(a), (b) u (ċ).
-	Artikolu 2
Artikolu 2	Artikolu 3
L-Annessi I, II u III	L-Annessi I, II u III
-	L-Annessi IV u V